MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 861/2009

**Prime Limited (C329)**

***kontra***

**Diner Dogs Limited (C17855)**

**Il-Qorti -**

**Rat** ir-rikors ta' Prime Limited presentat fit-3 ta' Settembru 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi b'sentenza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet Prime Limited vs Diner Dogs Limited (Citazzjoni numru 772/1997) [Dok. A], is-socjeta' Prime Limited ("Prime") giet kanonizzata kreditrici ta' Diner Dogs Limited [C17855] ("Diner") fl-ammont ta' ghoxrin elf tmien mija erbgha u ghoxrin Euro u tmenin centezmu (€20,824.80c), ekwivalenti ghal LM8,940.09c,*

*rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u lilha konsenjata ;*

*2. Illi permezz tal-istess sentenza Diner giet ukoll kundannata thallas :*

*i. 9/10 tal-ispejjes gudizzjarji naxxenti mit-talba attrici ;*
*ii. l-ispejjes kollha naxxenti mill-kontro-talba ntavolata minn Diner fl-atti tal-istess proceduri ;*
*iii. is-somma ta' tlieta u disghin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€93.73c), ekwivalenti ghal LM40.25c, rapprezentanti spejjes imhallsa minn Prime ; u*
*iv. l-imghax kummercjali b'effett mill-4 ta' Frar 1997.*

*3. Illi sabiex tenforza l-imsemmi titolu ezekuttiv, fl-1 ta' Awissu 2007 Prime harget mandat ta' sekwestru ezekuttiv (Numru 1155/2007) fl-ismijiet Prime Limited vs Diner Dogs Limited [Dok. B] ghall-ammont kumplessiv ta' tnejn u hamsin u tmienja u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€52,078.94c) ekwivalenti ghal LM22,357.49c, hekk kif spjegat ahjar fl-istess mandat ;*

*4. Illi sal-lum l-imsemmi ammont ghadu ma giex imhallas ;*

*5. Illi apparti l-ammont fuq imsemmi ta' €52,078.94c li jinsab kwantifikat fil-mandat ta' sekwestru numru 1155/2007, Diner ghandha thallas ukoll is-somma ta' tlett elef erba' mija tlieta u hamsin Euro wiehed u sittin centezmu (€3,453.61c) rapprezentanti l-imghax li ddekorra fuq is-sorte ta' €20,824.80c mill-1 ta' Awissu 2007 [li hija d-data tal-prezentata tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv] komputat sas-26 ta' Awissu 2009 ;*

*6. Illi ghalhekk Diner ghandha thallas lil Prime, dejjem a bazi tas-sentenza fuq citata, dejjem bl-imghax komputat sas-26 ta' Awissu 2009, is-somma kumplessiva ta' **<u>€55,532.55c</u>** [ovvjament, jibqa' jiddekorri l-imghax fuq is-sorte sakemm jigi mhallas kollu] ;*

*7. Illi minn l-ahhar annual report and financial statements ta' Diner li gew sottomessi mar-Registru tal-*

*Kumpaniji fit-13 ta' Jannar 2009 u li jirrelataw ghas-sena 2007 (Dok. C), huwa evidenti li Diner ma hijiex f'qaghda li thallas l-ammont fuq imsemmi. Jirrizulta wkoll illi mill-imsemmija dokument Diner ma rregistratx l-ammont li huwa dovut lis-socjeta' esponenti, u li f'daka l-mument kien gie anke kristalizzat formalment bis-sahha tas-sentenza suriferita ;*

*8. Illi huwa ghalhekk evidenti li jezistu c-cirkustanzi kontemplati mil-ligi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna x-xoljiment u konsegwentement l-istralc ta' Diner, u dana peress li Diner ma tistax thallas id-dejn taghha [Artikolu 214(2)(a)(ii) ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*a. Tiddikjara u tiddeciedi illi Diner Dogs Limited (C17855) ma tistax thallas id-dejn taghha u bhala konsegwenza ta' dan ghandu jigi ordnat ix-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess socjeta' a tenur tal-artikolu 214(2)(a) tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

*b. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha necessarji a tenur tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jigi mahtur stralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali tal-istess Diner Dogs Limited.*

**Rat** id-dokumenti li kienu esebiti mis-socjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

**Rat** ir-risposta ta' Diner Dogs Limited presentata fit-2 ta' Ottubru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok it-talba ghall-istralc min-naha tas-socjeta' rikorrenti hija prematura, intempestiva u vessatorja u ghalhekk ghandha tigi rigettata. Is-socjeta' rikorrenti naqset milli tipprova adegwatament illi f'dan il-kaz jikkonkorru tabilhaqq dawk l-elementi u kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ad validitatem biex it-talba ghall-istralc treggi u tista' tkun milqugha (vide, inter alia, artikolu 214(5)(b) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta) ;*

*2. Illi, fil-mertu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ma tatx prova definittiva ta' kif waslet ghal figura mitluba ta' EUR 52,078.94 (tnejn u hamsin u tmienja u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu). Illi jirrizulta illi ma gewx ipprezentati d-dokumenti necessarji sabiex l-ammont ezatt dovut jigi kkwantifikat. Illi tali ezercizzju huwa ta' EUR 20,824.80 (ghoxrin elf tmien mija erbgha u ghoxrin Euro u tmenin centezmu) mentri l-ammont li qed mitlub jammonta ghal EUR 52,078.94 (tnejn u hamsin u tmienja u sebghin Euro u erbgha u disghin centezmu) ;*

*3. Illi in konsegwenza tan-nuqqasijiet gravi fuq imsemmija, is-socjeta' intimata tirrizerva d-dritt li taghmel is-sottomissjonijiet taghha waqt is-smigh tar-rikors ghall-istralc tal-kumpannija, u dan skond il-provvedimenti tal-Artikolu 218(6) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta), u dan wara li s-socjeta' rikorrenti tkun pprezentat provi xierqa u opportuni biex issostni r-rikors promotur, u li tissolleva kull eccezzjoni opportuni si et quatenus ;*

*4. Illi, fic-cirkostanzi, it-talba ghall-istralc kif dedotta, kieku kellha tigi akkordata, isservi biss biex tikkrea effetti gravissimi u rreversibbli fuq l-operat tas-socjeta' intimata b'mod li tirrendiha ineffikaci ;*

*5. Illi in vista tas-suespost is-socjeta' intimata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrispingi t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez.*

**Rat** l-atti tal-kawza, u qieset in partikolari d-dokumenti esebiti.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2010 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Din hija kawza fejn qed issir talba lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc konsegwenti tal-kumpannija intimata skond l-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala kreditur.

Fil-paragrafu (a) tas-subartiklu (2) tal-Art.214, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti tista’ xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha.

F’dan il-kuntest, ir-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq is-subinciz (ii) tal-paragrafu (a).

Is-subinciz (ii) ighid li kumpannija tista’ tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti “ ... jekk il-kumpannija ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha.”

Art.214(5) jistabilixxi meta kumpannija titqies li ma tkunx tista’ thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-Art.214(2)(a)(ii). Is-subartikolu (5) ghandu zewg subparagrafi.

Is-subparagrafu (a) huwa dak rilevanti ghall-mertu ta’ din il-kawza u jghid hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa’ ma thallasx ghal kollox jew f’parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta’ titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b’xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Mill-atti li jaghmlu parti mill-process jirrizulta hekk –

1) Ir-rikorrenti kienet dikjarata kreditrici tal-intimata permezz ta’ sentenza ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Jannar 2007 (DOK A) [fol 3 et seq].

2) Din is-sentenza ghaddiet in gudikat tant li fl-1 ta’ Awissu 2007 ir-rikorrenti ppresentat mandat ta’ sekwestru ezekuttiv Nru.1155/07 kontra l-intimata (fol 39 et seq). Jirrizulta mit-tergo ta’ fol 41 li l-att ezekuttiv kien notifikat

lis-sekwestratarji fit-3 ta' Awissu 2007 u lill-intimata fis-6 ta' Awissu 2007.

3) Mhux kontestat li sas-26 ta' Awissu 2009 ir-rikorrenti kienet kreditrici tal-intimata fl-ammont komplessiv ta' €55,532.55. Dik is-somma tikkomprendi l-ekwivalenti fil-munita Ewro tas-sorte, l-imghax u l-ispejjez indikati fil-Lira Maltija fil-mandat de quo, u l-imghax agguntiv sas-26 ta' Awissu 2009.

4) Daqstant iehor mhux kontestat li anke sal-lum, l-intimata baqghet ma hallset xejn lir-rikorrenti mill-ammont dovut li baqa' jakkumula aktar imghax.

5) Il-kontijiet tal-intimata ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2007 (DOK C) [fol 17 et seq] u li waslu ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji fit-12 ta' Dicembru 2008 mhumiex jaghtu kwadru preciz u shih tal-qaghda finanzjarja tal-intimata sal-ahhar tal-2007 ghaliex il-kreditu tar-rikorrenti fuq riferit mhux jirrizulta ghalkemm kienu certifikati minn awditur. Inoltre dwar il-qaghda finanzjarja tal-intimata llum (li hija rilevanti ferm sabiex din il-Qorti tiddeciedi hemmx lok ghax-xoljiment u stralc tal-intimata) din il-Qorti m'ghandha l-ebda evidenza li twassalha biex tikkonkludi li l-qaghda finanzjarja taghha mhix aghar milli kienet fi tmiem l-2007.

6) Min-naha taghha l-intimata ma ressqet l-ebda prova la sabiex issostni l-posizzjoni taghha kif riflessa fir-risposta a fol 35-36 tal-process u lanqas sabiex tghid li mhix fi stat ta' insolvenza.

Fuq l-iskorta tal-provi in atti, din il-Qorti tghid li l-intimata mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha u din il-Qorti hija sodisfatta li rrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap.386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tghid illi l-kumpannija Diner Dogs Limited (C17855) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) u Art.214(5)(a) tal-Kap.386.**

**2) Tordna x-xoljiment tal-intimata b'effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3) Tahtar lill-Ufficjal Ricevitur bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-intimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386 ;**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-intimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun ;**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-intimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386 ;**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-intimata ;**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-intimata ;**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza thallashom l-intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------